

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Rejonowy Poznań – Stare Miasto w Poznaniu  
(il-Polonja) fit-23 ta' Awwissu 2021 – MJ vs AA**

**(Kawża C-521/21)**

(2022/C 24/18)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

**Qorti tar-rinviju**

Sąd Rejonowy Poznań – Stare Miasto w Poznaniu

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: MJ

Konvenut: AA

Parti oħra fil-proċedura: Rzecznik Praw Obywatelskich

**Domandi preliminari**

- 1) L-Artikoli 2 u 19(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem it-"TUE") u l-Artikolu 6(1) sa (3) TUE flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (iktar 'il quddiem il-"Karta") għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma hijjex qorti stabbilita abbażi ta' liġi fis-sens tad-dritt tal-Unjoni qorti li fil-kompożizzjoni tagħha tinsab persuna maħtura fil-pożizzjoni ta' mħallef f'din il-qorti fi proċedura fejn:
  - a) l-għażla tal-persuna nnominata għall-ħatra ta' mħallef lill-President tar-Repubblika tal-Polonja saret mill-Krajowa Rada Sądownictwa (il-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura) attwali, li ġie elett bi ksur tad-dispożizzjonijiet kostituzzjonali u legali Pollakki, li ma huwiex organu indipendenti u li fiha ma jinsabux rappreżentanti tal-qasam tal-ġudikatura maħtura fil-kompożizzjoni tiegħu indipendenti mill-awtorità eżekuttiva u leġislattiva, u b'hekk ma ressaqx proposta effettiva għall-ħatra fil-pożizzjoni ta' mħallef prevista fid-dritt nazzjonali;
  - b) il-parteċipanti fit-tellieqa għall-ħatra ma kinux intitolati għal appell quddiem qorti fis-sens tal-Artikoli 2 u 19(1) TUE u tal-Artikolu 6(1) sa (3) TUE, flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta;
- 2) L-Artikoli 2 u 19(1) TUE flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta għandhom jiġu interpretati fis-sens li, f'sitwazzjoni fejn fil-kompożizzjoni tal-qorti jkun hemm persuna maħtura fil-kundizzjonijiet deskritti fl-ewwel domanda, huma:
  - a) jipprekludu l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jiddelegaw l-eżami tal-legalità tal-ħatra ta' tali persuna fil-pożizzjoni ta' mħallef lill-kompetenza esklużiva ta' awla tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja), komposta esklużivament minn persuni maħtura fil-pożizzjoni ta' mħallef taħt il-kundizzjonijiet deskritti fl-ewwel domanda, u li fl-istess waqt jordnaw li l-oġġezzjonijiet dwar il-ħatra fil-pożizzjoni ta' mħallef jitħallew mhux eżaminati, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-kuntest istituzzjonali jew sistemiku;
  - b) jirrikjedu, bil-għan li tiġi ggarantita l-effettività tad-dritt Ewropew, interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li tippermetti lill-qorti teskludi, anki *ex officio*, lil tali persuni milli jeżaminaw il-kawża abbażi ta' dispożizzjonijiet, applikabbli b'analoġija, dwar l-esklużjoni ta' mħallef li ma huwiex kapaċi jagħti deċiżjonijiet (*iudex inhabilis*);
  - c) jirrikjedu li, qorti nazzjonali bil-għan li tapplika d-dritt tal-Unjoni u tikseb effett utli, ma tiħux inkunsiderazzjoni sentenza ta' qorti kostituzzjonali nazzjonali sa fejn dik is-sentenza tiddikjara bħala inkompatibbli mad-dritt nazzjonali r-rikonoxximent ta' talba għall-esklużjoni ta' mħallef abbażi tal-fatt li tqajmu ċirkustanzi ta' irregolarità tal-ħatra ta' mħallef li ma jissodisfawx ir-reqwiziti tal-Unjoni Ewropea dwar qorti indipendenti u imparzjali stabbilita minn qabel bis-saħħa tal-liġi fis-sens tal-Artikolu 19(1) TUE flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta;

- d) jirrikjedu li, qorti nazzjonali bil-għan li tapplika d-dritt tal-Unjoni u tikseb effett utli, ma tiħux inkunsiderazzjoni sentenza ta' qorti kostituzzjonali nazzjonali jekk din tkun tipprekludi l-eżekuzzjoni ta' digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' miżuri *interim*, liema digriet jordna s-sospensjoni tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li ma jippermettux l-eżami, minn qrati nazzjonali, tal-issodisfar tar-rekwiżiti tal-Unjoni Ewropea għal qorti indipendenti u imparzjali stabbilita minn qabel bis-saħħa tal-liġi fis-sens tal-Artikolu 19(1) TUE flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta?

**Appell ippreżentat fit-30 ta' Awwissu 2021 minn Joëlle Mélin mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fit-30 ta' Ġunju 2021 fil-Kawża T-51/20 Mélin vs Il-Parlament**

(Kawża C-541/21 P)

(2022/C 24/19)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

*Appellanti:* Joëlle Mélin (rappreżentant: F. Wagner, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Parlament Ewropew

**Talbiet**

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja joghħobha:

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-30 ta' Ġunju 2021 fil-Kawża T-51/20 Mélin vs Il-Parlament;
- tiddikjara ammissibbli l-eċċezzjoni ta' illegalità u tgħid li huma illegali l-Artikolu 33(1) u (2) u l-Artikolu 68(1) u (2) tal-Mesures d'Application du Statut des Députés (il-Miżuri ta' Applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Membri tal-Parlament, iktar 'il quddiem il-"MASD");
- tikkonstata n-nuqqas ta' bażi legali tad-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tas-17 ta' Diċembru 2019 u tannullaha;

*Prinċipalment:*

- tikkonstata li Joëlle Mélin iproduċiet il-prova ta' xogħol tal-assistenti tagħha skont l-Artikolu 33(1) u (2) tal-MASD u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;

*Konsegwentement,*

- tannulla d-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2019, innotifikata bl-ittra Nru D202484 fid-data tat-18 ta' Diċembru 2019, meħuda b'applikazzjoni tal-Artikolu 68 tad-Deċiżjoni 2009/C 159/01 tal-uffiċċju tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju u tad-9 ta' Lulju 2008 "dwar miżuri ta' applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Membri tal-Parlament Ewropew" emendata li tikkonstata dejn tal-appellanti fl-ammont ta' EUR 130 339,35 abbażi tal-ammonti mħallsa indebitament fil-kuntest tal-assistenza parlamentari u li timmotiva l-irkupru tiegħu;
- tannulla n-nota ta' debitu Nru 2019-2081 li tinforma lill-appellanti li ġie kkonstatat dejn min-naħa tagħha skont id-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tas-17 ta' Diċembru 2019, irkupru tas-somom imħallsa indebitament abbażi tal-assistenza parlamentari, applikazzjoni tal-Artikolu 68 tal-MAS u tal-Artikoli 98 sa 101 tar-Regolament Finanzjarju;
- tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż kollha